# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors Maħluf numru 276/2012/1 JRM**

**Amedeo Barletta f'isem is-soċjetà ingliża *Compagnia Generale Servizi Finanza Co.Ge.S.Fin. Limited* li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni 5265693; u Luciano Rotondi**

***v.***

**L-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Ġunju 2021 li ċaħdet talba tal-atturi biex jitħassru deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità konvenuta li jwasslu għax-xoljiment u stralċ tas-soċjetà *European Insurance Group Limited* ["*EIG*"].

2. Il-fatti tal-każ tal-lum ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

> »… … … il-kumpannija attriċi hija kumpannija reġistrata fir-Renju Unit fejn ukoll għandha s-sedi tagħha. Hija u l-attur Rotondi huma l-azzjonisti tal-kumpannija *EIG*, kumpannija reġistrata f'Malta fl-2005. Fl-2008, *EIG* kienet ingħatat l-awtorizzazzjoni mill-*MFSA* biex tmexxi

kummerċ ta' assikurazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1998 dwar il-Kummerċ tal-Assikurazzjoni wara li, mill-istħarriġ li l-awtorità għamlet, dehrilha li t-talba tagħha kellha tintlaqa'.

»*EIG* kienet tbigħ poloz ta' assikurazzjoni maħruġin minnha fl-Italja. Fl-2009, l-awtoritajiet fl-Italja nedew proċeduri ta' stħarriġ fuq *EIG*, u fis-26 ta April 2010, *EIG* twaqqfet milli tbigħ aktar poloz maħruġin minnha fl-Italja. Wara li kienet mgħarrfa b'dan kollu, *MFSA* bdiet l-istħarriġ tagħha fuq *EIG* f'Malta. Dan kien jinkludi spezzjonijiet fl-uffiċini tagħha f'Malta, minn fejn irriżultalha numru ta' nuqqasijiet fit-tmexxija tagħha. *MFSA* żammet laqgħa ma' *EIG* u ordnatilha tirranġa n-nuqqasijiet tagħha fi żmien stipulat, id-dettal ta' liema jinstab f'ittra tal-14 ta' Mejju 2010. *EIG* wieġbet b'ittra tas-17 ta' Mejju 2010.

»Fl-10 ta' Ġunju, 2010, *MFSA* f'rapport dettaljat, għarrfet lil *EIG* bir-riżultat ta' l-ispezzjonijiet li kienu seħħew tul ix-xahar ta' Mejju, u infurmatha bil-ħsieb li tirtiralha l-awtorizzazzjoni li kienet tatha biex tmexxi l-attività kummerċjali tagħha f'Malta. Hija stiednet lil *EIG* biex tressaq rappreżentazzjonijiet tagħha fi żmien stipulat. Minħabba li EIG naqset li tirregolarizza n-nuqqasijiet kif kienet intalbet li tagħmel, fit-12 ta' Lulju 2010, l-*MFSA* irtirat l-awtorizzazzjoni.

»Fil-5 ta' Awwissu 2010, *EIG* appellat mid-deċiżjoni tal-*MFSA* quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji. It-tweġiba tal-*MFSA* għall-appell ta' *EIG* iġġib id-data tas-7 ta' Settembru 2010.

»Fis-6 ta' Awwissu 2010, *MFSA* ħatret amministratur biex jieħu ħsieb l-assi *EIG* u jkompli bit-tmexxija tagħha. Minn ittra tal-24 ta' Frar 2011 u rapport li hejja l-amministratur f'Ottubru 2011, jirriżulta li kien ferm diffiċli għal *EIG* li tqum fuq saqajha. L-amministratur jistqarr li għamel kuntatt u żamm laqgħat mal-azzjonisti tal-kumpannija bil-għan li jiġġenera attività mixtieqa, iżda l-qagħda finanzjarja ta' *EIG* kienet imwiegħra wisq. Minn *audited accounts* tal-kumpannija għas-sena 2009, u għaldaqstant qabel ma ġiet revokata l-awtorizzazzjoni mill-*MFSA*, jirriżulta li *EIG* ma kinetx solventi. Fl-istess żminijiet, id-diretturi tal-kumpannija kienu wrew tħassib fuq kif kienet miexja l-kumpannija billi ma kinux qegħdin jingħataw tagħrif.

»Fil-25 ta' Awwissu 2011, l-amministratur irrakkomanda lill-*MFSA* li *EIG* titqiegħed fi proċeduri ta' xoljiment u stralċ. L-*MFSA* laqgħet ir-rakkomandazzjoni tal-amministratur u fid-29 ta' Settembru 2011 ħatret stralċjarju. Fl-istess jum, l-*MFSA* għarrfet b'din il-ħatra lid-diretturi tal-kumpannija attriċi u lill-atturi.

»Meta l-istralċjarju assuma l-ħatra tiegħu, sab li l-*EIG* kellha djun ta' 'l fuq minn 31 miljun euro, u likwidità ta' ftit aktar minn 10 miljuni f'kontijiet bankarji.

»Fl-14 ta' Marzu 2012 infetħet din il-kawża.

»F'Marzu 2013, il-proċeduri kriminali fl-Italja kontra d-diriġenti ta' *EIG* twaqqfu.«

3. Bħala azzjonisti tas-soċjetà *European Insurance Group Limited*, l-atturi dehrilhom illi b'dak li iddeċidiet u għamlet jew bil-mod kif imxiet l-awtorità konvenuta mxiet *ultra vires* u bi ksur tal-art. 469A(1)(*b*) tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi d-deċiżjoni tal-awtorità intimata l-*Malta Financial Services Authority* meħuda fid-29 ta' Settembru 2011 u kull deċiżjoni ieħor anċillari u / jew konsegwenzjali sabiex jiġi appuntat likwidatur sabiex jillikwida l-kumpannija *EIG* hija irrita u nulla billi (a) meħuda bi ksur tad-dritt tal-atturi għall-smigħ xieraq; u (b) fi kwalsiasi każ irraġjonevoli u dan a tenur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;
>
> »2. tagħti kull ordni u provvediment xieraq sabiex tneħħi l-effetti tad-deċiżjoni(jiet) hekk dikjarati irriti u nulli u tqiegħed is-soċjeta *EIG* fl-i*status quo ante* t-teħid ta' dik id-deċiżjoni;
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

4. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet fuq il-meritu:

> »1. … … … id-deċiżjoni li l-*European Insurance Group Limited* titpoġġa f'likwidazzjoni kienet deċiżjoni valida proċeduralment u legalment u kif ukoll neċessarja minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja diżastruża li kienet tinsab fiha l-kumpannija;
>
> »2. biex jiġi spegat b'mod ċar għaliex id-deċiżjoni li s-soċjetà *European Insurance Group Limited* titpoġġa f'likwidazzjoni kienet deċiżjoni formali valida legalment u neċessarja, l-awtorità ser tesponi fil-qosor il-kronoloġija tal-fatti li wasslu għal din id-deċiżjoni;
>
> »3. għalkemm il-*European Insurance Group* hija kumpannija rreġistrata f'Malta u liċenzjata mill-awtorità biex tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni *ai termini* tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, hija kienet topera primarjament fl-Italja;
>
> »4. il-*European Insurance Group* kienet infurmat lill-awtorità li hija kienet ser topera primarjament fl-Italja billi teżerċita d-dritt Ewropew tal-*freedom of services*;
>
> »5. ġara li meta l-awtorità Taljana responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-kummerċ tal-assigurazzjoni fl-Istalja (u cjoè l-*ISVAP*) żaret l-uffiċċju Taljan tal-*claims representative* tal-*European Insurance Group*, irriżulta li l-*European Insurance Group* kienet *de facto* qiegħda topera fl-Italja billi teżerċita d-dritt Ewropea tal-*freedom of establishment*, u mhux id-dritt Ewropew tal-*freedom of services*, kif kienet iddikjarat li ser tagħmel;
>
> »6. biex jiġi eżerċitat id-dritt Ewropew tal-*freedom of establishment*, wieħed irid josserva proċedura kompletament differenti minn dik li trid issir meta jiġi eżerċitat id-dritt Ewropew tal-*freedom of services*;
>
> »7. għal din ir-raġuni, u anke peress li nstabu wkoll diversi nuqqasijiet regolatorji oħra waqt din iż-żjara, irriżujlta li l-*European Insurance Group* kienet qed tmexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni fl-Italja b'mod abbużiv u mhux konformi mal-liġijiet viġenti f'dan is-settur regolat;
>
> »8. fis-26 ta' April 2010, l-*ISVAP* ħarġet hekk imsejjaħ *provvedimento* kontra l-*European Insurance Group Limited*, u dan minħabba dawn id-

diversi nuqqasijiet regolatorji da parti tal-*European Insurance Group Limited*. Dan l-ordni maħruġ mir-regolatur Taljan effettivament jipprojbixxi lill-*European Insurance Group* milli toħroġ poloz ġodda fl-Italja u kif ukoll milli ġġedded poloz eżistenti. Peress illi, kif diġà spjegat, il-*European Insurance Group* topera primarjament fl-Italja, din l-ordni effettivament fissret li l-kumpannija ma setgħetx tkompli bl-operat tagħha;

»9. a kuntrarju ta' dak li qed jallegaw l-atturi, l-*European Insurance Group* fil-fatt ikkontestat dan l-ordni quddiem tribunal amministrattiv Taljan, it-*TAR Lazio,* u wkoll quddiem il-*Consiglio di Stato*. Fiż-żewġ istanzi, it-talba tal-kumpannija li l-ordni tiġi revokata ġiet miċħuda;

»10. fil-frattemp, l-*ISVAP* talbet lill-awtorità intimata biex tiġi tagħmel *on-site inspection* fl-uffiċċji Maltin tal-*European Insurance Group*. Ħaġa rari ħafna li regolatur barrani jiġi Malta biex jispezzjona kumpannija liċenzjata Malta. Dan għalhekk kellu implikazzjonijiet serji għar-reputazzjoni internazzjonali ta' Malta bħala ċentru finanzjarju rispettabbli. Fil-fatt, diversi gazzetti Taljani ġabu rappurtaġġ negattiv dwar dan il-każ fejn issemma ripetutament li l-*European Insurance Group* kienet kumpannija liċenzjata f'Malta.

»11. L-imsemmija *onsite inspection* damet tliet ġimgħat u kixfet kobba mħabbla sew fit-tmexxija tal-kumpannija u kif ukoll diversi nuqqasijiet serji u ksur ta' regolamenti mill-*European Insurance Group*. Fost l-oħrajn, inkixef ksur tal-kriterji ta' *sound and prudent management* stabbiliti mill-*Insurance Business (Criteria of Sound and Prudent Management) Regulations* u l-*Insurance Rule 27 of 2009* dwar *Insurers' Internal Controls*.

»12. *Inoltre*, il-bord tad-diretturi ma kienx viġilanti biżżejjed, u dan b'ammissjoni tal-kumpannija stess. Fil-fatt irriżulta li l-bord tad-diretturi saħansitra ma kienx jaf b'tranżazzjonijiet kummerċjali ta' ċertu portata li eventwalment wasslu għal pretensjonijiet ta' somom ta' flus konsiderevoli minn diversi terzi persuni. Rinfaċċjat b'dawn il-kwistjonijiet serji, il-bord tad-diretturi konvenjentement iddistanzja ruħu u waħħal fis-*senior management* tal-kumpannija.

»13. Eventwalment, il-kumpannija spiċċat ukoll fi stat fejn ma kinitx f'pożizzjoni li tibqa adempjenti mar-rekwiżit ta' *own funds* kif rikjest mil-liġi. Fi kliem ieħor, il-livell ta' kapital likwidu li kienet obbligata li jkollha l-*European Insurance Group* bħala kumpannija li tmexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni niżel taħt il-livell minimu stipulat mill-liġi. *Nonostante* diversi *undertakings* anke bil-miktub tad-diretturi lill-awtorità li kienu ser jirranġaw is-sitwazzjoni, dan in-nuqqas baqa' ma ġiex indirizzat.

»14. Minbarra l-effett serjament dannuż li kellu u għad għadu dan il-każ fuq ir-reputazzjoni tal-kriterji ta' *sound and prudent management* stabbiliti mill-*Insurance Business (Criteria of Sound and Prudent Management) Regulations* u l-*Insurance Rule 27 of 2009* dwar *Insurers' Internal Controls*, l-inadempjenza mar-rekwiżit ta' *own funds* kif rikjest mil-liġi u l-inabbiltà tal-kumpannija li tkompli tmexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni huma nuqqasijiet serji ħafna. Tant hu hekk, li l-artikolu 26 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni jipprovdi li wieħed minn dawn in-nuqqasijiet, anke individwalment, huwa raġuni biżżejjed biex tiġi sospiża jew revokata liċenzja maħruġa taħt l-istess Att.

»15. Għalhekk, a kuntrarju ta' dak li qed jallegaw l-atturi, kien hemm diversi raġunijiet serji li wasslu biex l-awtorità rrevokat il-liċenzja tal-*European Insurance Group*. Ir-revoka tal-liċenzja qiegħed jiġi ssindikat mit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji permezz ta' proċeduri li l-atturi huma wkoll parti fihom.

»16. Sussegwentement, id-diretturi tal-kumpannija rriżenjaw u l-kumpannija tpoġġiet taħt amministrazzjoni, u dan sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-kredituri tal-kumpannija, u b'mod partikolari l-interessi ta' diversi *policyholders* illi kellhom *claims* pendenti taħt poloz maħruġa mill-*European Insurance Group*.

»17. Fl-4 ta' Awwissu 2010, l-awtorità ħatret lis-Sur Raphael Aloisio bħala amministratur tal-*European Insurance Group ai termini* tal-artikoli 28(1)(*c*) u (*d*) tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni. L-amministratur inħatar bl-iskop li jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-*policyholders*, tal-kredituri, u anke tal-azzjonisti tal-kumpannija.

»18. L-amministratur, wara li ħa l-kumpannija f'idu u analizza s-sitwazzjoni fid-dettall għal perijodu ta' xhur, informa lill-awtorità li l-kumpannija kienet fi stat finanzjarju diżastruż. l-Awtorità ngħatat dokumentazzjoni voluminuża li turi li l-kumpannija għandha debiti li jammontaw għal diversi miljuni ta' Euro. L-ammont ta' dawn id-debiti qed ikompli jiżdied b'mod allarmanti, u dan stante li l-*European Insurance Group* għad għandha eluf ta' *policyholders* bi pretensjonijiet kontra tagħha li huma fil-proċess li jiġu llikwidati quddiem qrati fl-Italja. Hemm saħansitra kredituri li għandhom debiti likwidati b'sentenzi ta' qrati Taljani u li qed jippruvaw jinfurzaw il-pretensjonijiet tagħhom kontra l-*European Insurance Group Limited* f'Malta, inkluż bil-ħruġ ta' mandati eżekuttivi.

»19. L-atturi huma ben konxji tas-sitwazzjoni tal-*European Insurance Group*, kemm dik finanzjarja u kemm f'dak li jirrigwarda nuqqasijiet regolatorji. Fil-21 ta' Marzu 2011, Dr Marisa Attard, id-direttur tal-*Insurance and Pensions Supervision Unit*, il-*unit* tal-awtorità responsabbli għas-superviżjoni ta' kumpanniji tal-assigurazzjoni bħall-*European Insurance Group*, xehdet fit-tul quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji dwar din is-sitwazzjoni, u partikolarment dwar x'instab waqt l-*onsite inspection* li saret f'Malta mill-awtorità u mir-regolatur Taljan *ISVAP*. Kienu wkoll ippreżentati diversi dokumenti li jissostanzjaw ix-xiehda ta' Dr Attard, inklużi diversi *management accounts* li juru s-sitwazzjoni finanzjarja progressivament deterjoranti tal-*European Insurance Group*.

»20. *Inoltre*, waqt seduta miżmuma fis-6 ta' Settembru 2011, l-amministratur tal-kumpannija, is-Sur Raphael Aloisio, xehed b'mod eżawrjenti dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija. Is-Sur Aloisio għamilha ċara li ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli li l-*European Insurance Group* qatt tista' xi darba terġa' tibda topera b'mod solventi.

»21. Il-konsulenti legali tal-atturi, bħala partijiet fil-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji, kienu preżenti għas-seduti surreferiti, u anke rriżervaw id-dritt li jagħmlu kontro-eżami kemm lil Dr Attard u kif ukoll lis-Sur Aloisio. Dan jirriżulta mill-verbali tas-seduti surreferiti. Dawn il-kontro-eżamijiet da parti tal-avukati tal-atturi baqgħu qatt ma saru.

»22. Kien l-amministratur tal-kumpannija stess li saħaq ripetutament li l-*European Insurance Group* kienet fi stat finanzjarju diżastruż u li għandha tagħlaq minnufih. L-amministratur insista, u anke xehed quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji, li ma kien hemm l-ebda prospett raġjonevoli li l-*European Insurance Group Limited* qatt xi darba tista' terġa' tibda topera b'mod solventi, u saħansitra talab formalment lill-awtorità biex tpoġġi l-kumpannija f'likwidazzjoni proprju minħabba din is-sitwazzjoni.

»23. Id-dokumentazzjoni li kienet f'idejn l-awtorità, inklużi l-*management accounts*, *annual report* u *financial statements* tal-kumpannija kkonfermat dak li kien ilu jintqal mis-Sur Aloisio. Is-sitwazzjoni kompliet tmur għall-agħar meta s-*Swiss RE*, ir-rijassiguraturi tal-*European Insurance Group*, iddeċidew li jitterminaw l-arranġament li kellhom mal-kumpannija. Dan fisser li l-*exposure* tal-*European Insurance Group*, u ċjoè l-ammonti li ser ikollha tħallas lill-*policyholders* fi *claims*, żdiedet drastikament, u dan meta d-debiti tal-kumpannija diġà kienu jammontaw għal 'il fuq mill-€10 miljuni. Dan naturalment ma jinkludix debiti oħra li l-*European Insurance Group* għandha ma fornituri ta' servizzi ta' natura amministrattiva, bħala *office supplies*, *web hosting*, konsultenti legali fl-Italja, *claims representatives*, u l-lista tkompli.

»24. Fid-dawl ta' dan kollu, u fl-isfond tal-obbligi tal-awtorità *ai termini* tal-artikolu 4 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, tidher ċara u manifesta n-neċessità li tinħareġ ordni *ai termini* tal-artikolu 28 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, il-likwidazzjoni kienet l-uniku mezz li permezz tiegħu setgħu jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-*policyholders* u li permezz tiegħu setgħet titwaqqaf milli tkompli tmur għall-agħar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija.

»25. A kuntrarju tal-allegazzjoni tal-atturi, id-deċiżjoni li l-*European Insurance Group* titpoġġa f'likwidazzjoni kienet deċiżjoni formali tas-*supervisory council*, l-organu tal-awtorità mogħni bis-setgħa li jieħu deċiżjonijiet regolatorji *ai termini* tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

»26. Fl-aħħar, ta' min wieħed josserva li l-likwidazzjoni mhix sanzjoni punittiva jew kriminali, iżda miżura intiża biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-kredituri numerużi ta' din il-kumpannija. Id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza vvantat mill-atturi huwa għalhekk prinċipju kompletament estranju għal-proċeduri odjerni.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»tiċħad it-talbiet attriċi bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

»tastjeni milli tqis it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-awtorità mħarrka, iżda tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha fil-mertu bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

»tordna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża, ħlief għal dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-23 ta' April 2013, li għandha terfagħhom l-awtorità mħarrka.«

6. Sa fejn relevanti għall-appell tal-atturi, ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk:

> »Din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jridu li l-qorti ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-awtorità mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "*MFSA*") f'Settembru tal-2011 biex tqiegħed fi proċeduri ta' stralċ lill-kumpannija ta' assikurazzjoni *European Insurance Group Limited* (minn issa 'l hemm imsejħa "*EIG*") fi stralċ, ittieħdet bi ksur tal-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq u ma kinitx waħda raġonevoli. Iridu li l-qorti tħassar dik id-deċiżjoni u l-miżuri kollha li setgħu ttieħdu b'konsegwenza tagħha u li terġa' tqiegħed lill-kumpannija milquta fl-istess qagħda li kienet qabel ma ttieħdet dik id-deċiżjoni.
>
> »… … …
>
> »Bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, l-azzjoni attriċi, fil-qofol tagħha, tikkontesta l-mod kif l-*MFSA* waslet biex qatgħetha li tqiegħed lil *EIG* fi proċess ta' xoljiment u stralċ bla ma qieset l-interessi tal-azzjonisti u bla ma ħadet il-fehma tagħhom qabel waslet għal dik iddeċiżjoni.
>
> »L-atturi, bħala azzjonisti ta' *EIG*, jixlu lill-*MFSA* li naqset mid-dmir tagħha lejhom li tgħarrafhom minn qabel bid-deċiżjoni li kienet ser tieħu u li ma tathomx l-opportunità li jsibu soluzzjoni għall-problemi li sabu l-amministraturi. Huma jixlu lill-*MFSA* b'nuqqas ta' imparzjalità u b'nuqqas ta' raġonevolezza fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha.
>
> »Min-naħa l-oħra, l-*MFSA* tgħid li kien hemm raġunijiet serji biżżejjed biex wassluha toħroġ l-ordni li twaqqaf it-tħaddim ta' *EIG* u tqegħedha taħt proċediment ta' xoljiment u stralċ u li taħtar stralċjarju. Tgħid li *EIG*, bħala l-persuna liċenzjata, ingħatawlha drittijiet u kellha obbligi xi tħares u li l-*MFSA* intervjeniet biss meta rat li *EIG* kienet naqset li tħares l-obbligi u kienet qiegħda titmexxa b'mod li seta' jkun ta' ħsara għall-interessi tal-persuni li għażlu li jassikuraw irwieħhom magħha. Tgħid li kien għal din ir-raġuni li talbet is-sejħa fil-kawża ta' *EIG*.
>
> »Kif ingħad diversi drabi mill-qrati tagħna, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, qorti ma tidħolx fil-mertu tad-deċiżjoni li tkun ħaddnet xi awtorità pubblika sakemm ma tiġix applikata b'mod lil hinn (*ultra vires*) mis-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun eżercitat dik l-għażla. Fi kliem l-awturi f'dan il-qasam, "*as a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice*".
>
> »Kif ingħad ukoll mill-qrati f'dan ir-rigward: "*Throughout succeeding years in this century, however, the courts took a more cautious view and only required public bodies to observe the rules of natural justice when they were acting "judicially", a concept which was interpreted restrictively. A decisive change in judicial attitude occured in Ridge vs. Baldwin ... Merely to describe a statutory function as "administrative", "judicial", "quasi-judicial", said Lord Reid, is not in itself enough to settle the requirements of natural justice. Where officials and others*

*have powers to make decisions affecting the rights of individuals, the rules of natural justice must be observed*".

»Meta l-qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrattiv trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' ligi, (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-ligi, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali.

»Jibqa' wkoll il-fatt li meta qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv, hija tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorità pubblika tkun ħaddmet id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżercizzju, iżda l-qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-ligi mħollija f'idejn dik l-awtorità. Għalhekk, sakemm dan l-eżerċizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", il-qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun wettqet l-istess għemil.

»Fil-fehma tal-qorti, l-ilment tal-atturi għandu jiġi mistħarreġ fl-isfond tal-funzjonijiet li l-*MFSA*, bħala awtorità regolatorja, għandha taħt il-liġi li bis-saħħa tagħha twaqqfet, kif ukoll taħt dawk il-liġijiet li jaqgħu taħt is-setgħa tagħha. Hija l-funzjoni tal-*MFSA*, fost oħrajn, li (i) tirregola u tissorvelja s-servizzi finanzjarji f'Malta; (ii) tassigura l-ogħla livelli ta' kondotta u amministrazzjoni fis-sistema finanzjarju Malti; u (iii) li tħares l-interessi tal-konsumatur.

»Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha, l-*MFSA* għandha s-setgħa li tagħti u tirtira awtorizzazzjoni maħruġa minnha; titlob dokumentazzjoni u tagħmel investigazzjonijiet u stħarriġ, magħdud li tingħata aċċess għas-sit minn fejn jingħata u jitmexxa s-servizz hekk awtorizzat; u li toħroġ ordnijiet lid-detentur tal-liċenzja jew awtorizzazzjoni. Fil-qasam tal-assikurazzjoni, kemm-il darba jirriżultaw ċirkustanzi serji biżżejjed, l-*MFSA* għandha s-setgħa speċifika wkoll li toħroġ ordni għax-xoljiment u stralċ ta' kumpannija u taħtar persuna kompetenti bħala stralċjarju tagħha biex tieħu ħsieb tmexxi dak il-proċess.

»Fil-każ li l-qorti għandha quddiemha, l-obbligu tal-*MFSA* li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, inkluż għaldaqsant dak li tagħti smigħ kif imiss, irid jitqies fil-kuntest tar-relazzjoni li l-*MFSA* (bħala awtorità regolatorja) kellha mad-detentur tal-liċenzja, jiġifieri *EIG*. Mill-atti li għandha quddiemha, il-qorti m'għandha ebda dubju li dan sar u sar kif imiss, kemm f'termini ta' laqgħat, skambju ta' korrispondenza, skambji ta' rapporti u għoti ta' żmien biex *EIG* tressaq il-fehmiet u l-argumenti tagħha. Kien hemm firxa ta' żmien li matulu l-*MFSA* tat ukoll struzzjonijiet kif *EIG* setgħet tirregola ruħha aħjar u biex jitwettqu dawk l-istruzzjonijiet. Kif ukoll kien hemm l-opportunità, fost l-oħrajn, li jitressaq appell minn xi deċiżjonijiet meħudin.

»Mill-provi ħareġ ukoll li t-tmexxija ta' *EIG* kienet f'idejn persuni li, fil-kapaċità tagħhom ta' mandatarji u fiduċjarji tal-kumpannija, kellhom jieħdu deċiżjonijiet għall-aħjar interessi tal-kumpannija. Min-naħa l-oħra, l-aspettattivi tal-azzjonisti ma jaqgħux fil-kompetenza tar-regolatur. Għaldaqstant, minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tasal għall-

fehma li meta l-*MFSA* ħarġet l-ordni tas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni biex *EIG* tibqa' teżerċita l-kummerċ tagħha u biex titqiegħed taħt proċess ta' xoljiment u stralċ bil-ħatra ta' stralċjarju, kienet qiegħda tagħmel dan fil-qafas ta' setgħet li l-liġi kienet tagħtiha espressament u b'ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali fir-rigward tal-istess *EIG* u, safejn kien jirrigwarda s-setgħat tagħha, ma kisretx il-jeddijiet tal-atturi.

»L-atturi jixlu lill-*MFSA* ukoll li ħadet deċiżjoni irraġonevoli meta ħatret stralċjarju. Fil-fehma tagħhom, ma kien hemm ebda ħtieġa għal dan.

»Il-qorti m'għandhiex wisq xi żżid fuq dan il-punt ma' dak li ikkunsidrat aktar 'il fuq. Mill-atti joħroġ li *EIG* kellha numru ta' nuqqasijiet fil-mod kif kienet titmexxa u kif mexxiet is-servizzi finanzjarji tagħha f'Malta u kif ukoll fl-obbligi li kellha mal-*MFSA* bħala r-regolatur li kien awtorizzaha twettaq dak il-kummerċ f'Malta. Diġà ntwera li *EIG* ingħatat l-opportunità li tirregolarizza l-qagħda tagħha u ngħatat żmien biżżejjed biex tilħaq tagħmel dan. Minkejja dan kollu, *EIG* ma seħħilhiex tilħaq dawn l-għanijiet mistennija u baqgħet tkun ta' tħassib għar-regolatur, l-iżjed fid-dawl ta' twissijiet li waslulha minn regolatur barrani li wkoll kien qiegħed jistħarreġ it-tmexxija u (n-nuqqas ta') ż-żamma ta' dokumentazzjoni minn *EIG*. Din il-ġabra ta' ċirkostanzi ma kinitx ħlieqa ta' *MFSA*, u bħala regolatur li jrid jiggarantixxi l-isem tal-kwalità tas-servizzi finanzjarji li jingħataw f'Malta, kienet tkun irresponsabbli li kieku għalqet għajnejha għalihom. Fuq kollox, kull regolatur li jsib ma' wiċċu ċirkostanzi bħal dawn kien raġonevolment mistenni li, wara li jara li ż-żmien mogħti lill-operatur finanzjarju biex itejjeb il-qagħda u jsewwi n-nuqqasijiet ikun għadda għalxejn, jieħu miżuri xierqa biex iwaqqaf din l-irregolarità. Kien dan li wassal biex l-*MFSA* tirrevoka l-awtorizzazzjoni li kienet ħarġet lil *EIG* u li tqegħdha fi proċess ta' xoljiment u stralċ.

»Il-proċeduri li ttieħdu kontra *EIG* u d-diretturi tagħha barra minn xtutna wkoll tefgħu lil *EIG* aktar 'l isfel. Il-ġrajjiet kif seħħew u meħuda b'mod komplessiv ma ħallewx wisq għażla lill-*MFSA* ħlief li twaqqaf l-operat u tħares l-interessi tal-konsumaturi billi taħtar l-istralċjarju. Il-qagħda finanzjarja ta' *EIG* kif sabha l-amministratur, ma kienet sabiħa xejn, tant li, sena wara l-ħatra tiegħu, l-amministratur irrakkomandha x-xoljiment tal-kumpannija. Dan wassal biex l-*MFSA* tordna x-xolijiment tal-EIG u taħtar stralċjarju.

»L-atturi jisħqu li *MFSA* kienet irraġonevoli fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha dwar *EIG*. Jgħidu li mxiet b'mod abbużiv fit-twettiq tad-diskrezzjoni li wriet f'dan il-każ. Biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm *rite* u kif ukoll *recte*, jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli.

»Huwa mgħallem fid-duttrina li "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must*

> *by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably. ... Virtually, all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness within which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*" Il-kejl ta' twettiq raġonevoli ta' diskrezzjoni amministrativa jinbena fuq kriterji oġġettivi.
>
> »Fid-dawl tal-fatti li ssemmew qabel u li joħorġu mill-atti kopjużi tal-kawża, il-qorti tasal għall-fehma li l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw li l-*MFSA* aġixxiet b'nuqqas ta' raġonevolezza f'dan il-każ.
>
> »L-atturi jixlu lill-*MFSA* ukoll li ħadet kunsiderazzjonijiet irrilevanti biex waslet għad-deċiżjoni attakkata. Fis-sottomissjonijiet tagħhom ma jfissrux x'iridu jgħidu b'din ix-xilja jew f'liema aspett l-*MFSA* qieset xi kunsiderazzjoni li ma kienx messha jew naqset li tqis oħrajn li kien imissha tqis. Jingħad biss li, f'dan ir-rigward, il-kwestjoni ta' awtorità li tkun mixlija li ħadet deċiżjoni msejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew għal għanijiet mhux xierqa, trid tinqara u tiftehem mar-regoli tad-Dritt Amministrattiv li jitkellmu dwar ir-raġonevolezza fit-tħaddim tad-diskrezzjoni tal-għemil amministrattiv. Kemm hu hekk jingħad li "*There are many cases in which a public authority has been held to have acted from improper motives or upon irrelevant considerations, or to have failed to take account of relevant considerations, so that its action is ultra vires and void. It is impossible to separate these cleanly from other cases of unreasonableness and abuse of power, since the court may use a variety of interchangeable explanations. … Regarded collectively, these cases show the great importance of strictly correct motives and purposes*".
>
> »Dan kollu jwassal lill-qorti għall-fehma li ma ntweriex li f'dak li għamlet, iddeċidiet jew bil-mod kif imxiet, l-*MFSA* aġixxiet *ultra vires* is-setgħat lilha mogħtijin b'mod li jwasslu li din il-qorti tħassar id-deċiżjoni attakkata mill-atturi u ssibha ma tiswiex u bla effett.
>
> »Għaldaqstant l-ewwel talba attriċi mhix ser tintlaqa'.
>
> »Ladarba t-tieni talba attriċi hija konsegwenzjali għall-ewwel waħda, hija wkoll mhux ser tintlaqa'.«

7. L-atturi appellaw b'rikors tas-7 ta' Lulju 2021 li l-awtorità wieġbet għalih fit-30 ta' Lulju 2021.

8. Nibdew mit-tielet aggravju tal-appell billi l-konsiderazzjonijiet li sejrin isiru dwar dan l-aggravju huma relevanti għall-aggravji l-oħra wkoll. It-tielet aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti sabet li "l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw li l-*MFSA* aġixxiet b'nuqqas ta' raġonevolezza f'dan il-każ". L-aggravju ġie mfisser hekk:

»It-Tielet Aggravju – Deċiżjoni *ultra vires* – konsiderazzjonijiet irrilevanti

»F'dan ir-rigward jiġi sottomess illi sa mill-bidu nett li s-soċjetà *EIG* spiċċat fil-mira tal-*MFSA*, l-istess regolatur dejjem aġixxa b'mod preġudizzjevoli fil-konfront tagħha, b'dana illi wassal sabiex huwa bbaża d-deċiżjoni tiegħu sabiex jistralċa l-EIG abbażi ta' kunsiderazzjonijiet irrelevanti.

»Jibda biex jingħad illi r-regolatur fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu dejjem qies lill-*EIG* taħt dell ikrah u dejjem insinwa, mingħajr l-ebda prova, li kien hemm xi attività kriminali wara l-istess, tant illi r-rappreżentant tal-*MFSA* Dr Andrè Camilleri fix-xiehda tiegħu tas-7 ta' Novembru 2013 tal-proċess jgħid:

> »"Mistoqsija: Int tlabthom prova biex juruk li kienu kriminali"
>
> »"Tweġiba: Ma kelliex għalfejn. L-aġir tagħhom mill-kumpannija ta' Malta, għalija bħala regolatur, kien biżżejjed biex nirrevokawha fid-data li rrevokajniha."

»Iżda minkejja li skont l-*MFSA* dan l-aġir "kriminali" kien biżżejjed sabiex iwassal għar-revoka tal-liċenzja, jidher li dan ma kienx biżżejjed għall-qrati kriminali taljani, illi lliberaw il-persuni involuti fil-ġestjoni tal-*EIG* mill-akkużi kriminali kollha miġjuba kontriehom.

»Minn dak sottomess hawn aktar 'il fuq, jingħad illi l-fatt innifsu illi l-esponenti ma ngħataw l-ebda opportunità sabiex isemmgħu leħinhom fid-deċiżjoni finali ta' stralċ awtomatikament ifisser illi l-istess deċiżjoni kienet bbażata fuq kunsiderazzjoni irrilevanti. l-awtorità, *qua* ġudikant sal-limiti imposti, għandha tikkunsidra l-firxa kollha ta' ħsibijiet u opinjonijiet. Jekk l-awtorità tonqos milli tagħmel dan l-eżerċizzju u sistematikament tagħżel li teskludi smigħ ta' dirett interessat, ifisser biss li l-eżerċizzju tal-ħsieb huwa wieħed inkomplet u għalhekk il-kunsiderazzjonijiet irrelevanti.

»Tant kemm dawn il-kunsiderazzjonijiet huma irrelevanti, u tant l-awtorità kellha ġenn sabiex issib kull skuża biex tillikwida s-soċjetà illi, fil-mument illi hija ħadet id-deċiżjoni *ai termini* tal-liġi, l-*audited accounts* lanqas biss kienu għandhom lesti u kien biss matul il-mori ta' dawn il-proċeduri illi l-*MFSA* kellha stampa tal-qagħda finanzjarja tas-soċjetà.

»L-*MFSA* kienet l-awtorità illi tat il-liċenzja lill-*EIG*, ssosspendiet l-istess liċenzja, appuntat amministratur u ordnat l-istralċ. Jekk l-awtorità naqset milli tikkunsidra l-opinjonijiet u l-informazzjoni kollha minn dawk li għandhom interess f'din id-deċiżjoni, kif setgħet qatt l-awtorità tikkonsidra dak li huwa relevanti u mhux relevanti sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha? Dan ifisser illi d-deċiżjoni tagħha kienet ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet irrelevanti.«

9. Huwa dan l-aggravju, u mhux l-għemil tal-awtorità, li huwa msejjes fuq allegazzjonijiet fiergħa u irrilevanti.

10. Biex l-awtorità tista' validament tieħu l-passi li ħadet ma huwiex meħtieġ illi jintwera li seħħet "xi attività kriminali". Biżżejjed li jintwera, kif ampjament intwera u daqstant ieħor ampjament imfisser fis-sentenza appellata, li kien hemm nuqqasijiet serji fit-tmexxija tas-soċjetà u fil-ħarsien tal-kondizzonijiet tal-liċenza tagħha illi qiegħdu f'perikolu gravi l-interessi tal-*policyholders* u tal-kredituri tagħha. Dawn kollha huma "konsiderazzjonijiet relevanti" għall-għanijiet tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Huma wkoll "ċirkostanzi serji biżżejjed" għall-għanijiet tal-art. 28(1) tal-Att tal-Kummerċ dwar l-Assigurazzjoni ["Kap. 403"]. Fost iċ-ċirkostanzi li wasslu għad-deċiżjoni tal-awtorità hemm dawn li ġejjin:

11. Fi kliem l-amministratur provviżorju, *EIG* kienet tinsab "*in an irrecoverable financial position*". Mis-sena 2009 *EIG* ma baqgħetx f'pożizzjoni finanzjarja tajba; anzi s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha baqgħet dejjem tmur lura minn jum għal ieħor u wara ftit żmien sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn ma setgħetx tkompli twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha lejn *policyholders*, kredituri jew persuni interessati oħra. Id-djun baqgħu jiżdiedu u kienu ferm aktar mill-assi. Fil-fatt fil-konklużjonijiet tiegħu fir-rapport tal-25 ta' Frar 2011 l-amministratur provviżorju qal hekk:

> »The company's estimated statement of affairs … indicates that the company is in an estimated net liability position of €31.5M, indicating that the company does not appear to have sufficient funds to meet its present and expected future obligations resulting from contracts currently in force. Furthermore, difficulties have been encountered in extending the company's motor excess of loss reinsurance cover for losses incurred in 2011 and therefore the company is currently fully exposed in this regard.«

12. L-amministratur provviżorju kompla fisser illi ma kien hemm l-ebda prospett raġjonevoli li *EIG* qatt tista' xi darba terġa' tibda topera b'mod li

tista' tħallas id-djun tagħha. Id-diversi *management accounts* fil-fatt kienu juru s-sitwazzjoni finanzjarja dejjem tmur għall-agħar.

13. Fl-ittra tiegħu tal-25 t'Awwissu 2011 fisser is-sitwazzjoni hekk:

> »Reference is made to our letter of the 19th August 2011 in which, in my capacity as director of the entity acting as administrator of the Company, I provided an explanation of the "exponentially deteriorating situation" being faced by the Company. The purpose of this letter is to set out in further detail the reasons for the progressive worsening of the said situation, and to provide an update on a number of matters referred to in our earlier letter. For the purposes of the below I also refer to our numerous exchanges over the past months with regards to the various challenging issues which are being faced by the Company and which have now effectively crippled the administration process. In particular we wish to set out in writing the following matters:
>
> »1. As clearly demonstrated in the Company's 'statement of affairs' as at 24th February 2011 and, as you have been made aware, has become increasingly evident since then, the Company is in an irreversible deficient and insolvent position, and is categoricaly not in a position to settle all its creditor and policy holder obligations.
>
> »2. In view of the said deficient position, in order to ensure equitable treatment of all creditors and to avoid potential claims of fraudulent preference, we had been advised to take a position at the time the insolvent situation became apparent of not effecting any payments to policy holders and / or creditors other than in respect of costs necessarily incurred as a normal part of the administration process and in the defence of judicial claims which were pending at the time and which have since kept arising on a continuous basis.
>
> »3. In view of the administrator's resultant inability to effect payments due to creditors and policy holders alike, the number of litigating claims being filed against the Company has been progressively increasing on a daily basis and has given rise to significant additional costs being incurred to defend these cases, and this in a manner which in light of the circumstances surrounding the Company are neither ideal nor necessarily cost efficient.
>
> »4. The sheer volume of cases against which the Company is having to defend itself in both Italy and Malta (estimated at close to 2,500) is overwhelming, and, I trust you will appreciate, crippling the entire administration process.
>
> »… … …
>
> »6. Given the Company's irrefutable position of insolvency, its inability to settle liquidated claims as they are decided, and the resignation of the Company's Italian lawyers and claims representative (as well as the manner in which such resignations have arisen), we feel that in the circumstances the most (if not only) appropriate approach would be for adequate replacements of these crucial service providers to be engaged as expeditiously as possible by the liquidator of the

> Company whose appointment, as intimated below, we trust will be sanctioned without any further delay.
>
> »In view of the above mentioned circumstances, and having again put on record our strong belief that there is no reasonable expectation of the Company reversing its deficient position, we believe that the administrator is no longer in a tenable position to effectively administer the Company's affairs in the best interests of the Company and relevant stakeholders. The only rational conclusion to the aforesaid is, in our view, that the Company be placed into liquidation and that the process of appointing a liquidator – which appointing we are aware is currently under consideration by the authority – is concluded without any further delay.
>
> »Accordingly, as a matter of utmost urgency, we strongly believe that the authority ought to expedite as far as possible the determination of a definitive decision regarding the liquidation of the Company and the appointment of a liquidator. We trust that you appreciate the gravity of the matters addressed in this letter and that you will take the appropriate action within the shortest reasonable time-frame.«

14. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-awtorità kienet turi nuqqas ta' għaqal li kieku ma mxietx kif imxiet.

15. Għandu jingħad ukoll illi, kif sewwa fissret l-ewwel qorti, *EIG* kienet qiegħda teżerċita l-kummerċ bi ksur tal-kundizzjonijiet marbutin mal-liċenzja tagħha u bi ksur tal-liġi u tar-regolamenti, kemm domestiċi u kemm ewropej, applikabbli għaliha, fosthom dawk dwar *freedom of services*. Dan wassal biex l-awtorità ħassret il-liċenzja ta' *EIG* b'seħħ mit-12 ta' Lulju 2010 u għalhekk is-soċjetà ma setgħetx legalment tkompli n-negozju tagħha.

16. Ukoll, id-dokumenti li kienet iżżomm *EIG* ma kinux jagħtu stampa veritiera ta' diversi affarijiet marbutin man-negozju tagħha, fosthom tan-numru ta' poloz maħruġin minnha, tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija u tan-numru ta' *claims* li kienu qed jinfetħu minn detenturi ta' poloz maħruġin minnha. Fl-10 ta' Ġunju 2015 id-direttur tal-*Insurance and Pensions Supervision Unit* tal-awtorità xehdet illi:

»… … … kien hemm numru ta' poloz li lanqas kienu jidhru fil-kotba tal-kumpannija; jiġifieri *they took on the risks, took on the premium, but it was not recorded*, kif ukoll kien hemm numru ta' *claims* li lanqas kienu entrati ġor-*records* tal-kumpannija, jiġifieri l-awtorità diġà kellha *concerns* u kien ċar illi l-kumpannija ma kenitx *meeting the solvency requirements*. Kieku daħlu dawn il-*claims* jidher li l-kumpannija kellha ferm iktar *liabilities* milli ġew irrapurtati lill-awtorità. Jien niftakar mill-memorja li aħna għal *quarter* minnhom jiġifieri mill-aħħar ta' Diċembru tat-2009 sal-first *quarter* tat-2011 l-awtorità rċeviet tlieta jew erba' verżjonijiet tal-*management accounts*.«

17. Dan xehdu wkoll l-amministratur provviżorju meta fir-rapport tiegħu tal-25 ta' Frar 2011 ikkummenta hekk:

»From inception, our role as administrators has been severely impacted by a number of adverse factors, which inevitably contributed to a far more challenging process than one may have initialy anticipated. In this regard we would like to point out that when we took over as administrators the company was facing the following serious issues:

»• All the company's IT systems were effectively blocked due to the non-payment of amounts due to service providers.

»• After successfully negotiating the unblocking of the company's insurance IT system we realized that the said systems were not capable of issuing insurance certificates without the involvement of a previously contracted third party IT subcontractor.

»• There were a large number of cases where the data of insurance policies was inaccurately processed on the company's systems. The extent of the errors was adversely impacted by an inefficient migration of data from Winage to Iassieur and by the 'block' processing that took place by the company after April 2010.

»• The company's accounting system was in total disarray and was characterised by:

»o disclaimed audited accounts for the year ended 31st December 2009;

»o significant backlogs in the updating of the company's books of accounts and no management accounts for the period prior to our appointment;

»o no debtor's ledger with a full transaction history of transactions with brokers was being maintained.

»• In the aftermath of the suspension of the company's licence, most of the company's broker debtors began to withhold payments of amounts due to the company.

»• The lack of adequately maintained books of account made it increasingly difficult to correctly ascertain the amounts due by the company to third parties.

»• The company's claims handling process was in total disarray and the company had accumulated a massive backlog of unprocessed claims and also had a large number of inappropriately processed claims. We also traced a substantial number of apparently valid policies which were not appropriately processed through the company's system.

»• In view of the above mentioned breakdown in the company's claims handing process, it was facing more than a thousand litigated claims and many thousands of claims that had not yet been processed. Most of the litigated claims were being handled by a large number of individual lawyers, without any form of central control and / or co-ordination.

»• The company's inability to handle and process claims gave rise to a significant number of complaints by policyholders to ISVAP and MFSA, which in turn also gave rise to additional fines and penalties.

»• The company had not been effectively communicating with its re-insurance company and was not passing on all the documentation that one would have expected under normal business circumstances.

»• Prior to our appointment the company was issuing policies in excess of reinsurance treaty limits and was therefore exposing the company to greater than normal risk.

»• In view on the breakdown in the renewal of policies and the freeze on payments in the period leading up to our appointment as administrators, the company accumulated substantial dues to the Italian fiscal authorities which remained unpaid and which continued to incur fines and penalties.

»... … …

»Given the operational difficulties caused by the company's inability to continue to operate, a number of brokers have withheld the payment of amounts due to the company. The fact that the company did not have a proper debtors' ledger, had a large number of policies in giacenza and had a significant backlog in the processing of accounts, has made it virtually impossible for us to be proactive in the pursuit of these debts. Under the circumstances and notwithstanding efforts that may be made to recover the said debts we have, solely for the purpose of the preparation of the statement of affairs, we have assumed a 50% write off of the estimated amounts due.«

18. L-awdituri tas-soċjetà wkoll osservaw illi ma setgħux joqogħdu fuq il-kotba tal-kumpannija, u d-diretturi stess esprimew dubji serji dwar jekk l-

informazzjoni li kienet qiegħda tingħatalhom mis-soċjetà kinitx korretta u veritiera. Fir-rapport tal-amministratur provviżorju tal-24 ta' Frar 2011 jingħad hekk dwar dan:

> »The directors wish moreover to point out the following in the light of the reservations and qualifications made by the auditors
>
> »• They are tendering these accounts in accordance with their duties at law and as resulting to them at present from available information. In this respect it is pertinent to point out that the accuracy and correctness of these accounts necessarily depends on information which has been passed to them and which they have been unable to confirm in view of the well known situation of difficulty in data accuracy and the reservations expressed by the auditors;
>
> »... … …
>
> »• As far back as early December 2009 members of the board of directors expressed their concern at the lack of reliable financial information that was being provided to them by EIG management...« [1]

19. Fattur ieħor illi rrenda pratikament impossibbli t-tkomplija tan-negozju tas-soċjetà kien illi r-ri-assiguraturi – *Swiss Re* – ħassew il-ħtieġa li jtemmu l-arranġament li kellhom ma' *EIG* u din għalhekk tilfet il-kopertura ta' ri-assikurazzjoni.

20. Ironiku mbagħad kif l-appellanti jinqdew b'nuqqas tas-soċjetà – id-dewmien fit-tħejjija tal-*audited accounts* – bħala argument kontra l-awtorità pjuttost milli, kif fil-fatt hu, bħala nuqqas ieħor tas-soċjetà. Dan iżda huwa sintomatiku tal-kwalità tar-raġunament li tikkaratterizza l-appell kollu.

21. Daqstant ieħor fiergħa hija l-allegazzjoni illi "sa mill-bidu nett li s-soċjetà *EIG* spiċċat fil-mira tal-*MFSA*, l-istess regolatur dejjem aġixxa b'mod

---

[1] Ara *fol*. 1001

preġudizzjevoli fil-konfront tagħha". Anzi l-awtorità mxiet b'għaqal u ma ħaditx deċiżjonijiet mgħaġġla, u dejjem tat lis-soċjetà l-opportunità li tikkorreġi n-nuqqasijiet tagħha.

22. Saret ukoll allegazzjoni li ma ngħatax smigħ xieraq, mhux tant lis-soċjetà nfisha iżda lill-atturi bħala azzjonisti. Dan huwa l-meritu ta' aggravju ieħor; f'dan l-istadju biżżejjed ngħidu illi huwa mgiddeb minn dak li xehed l-amministratur provviżorju fis-26 ta' Novembru 2016:

> »... ... ... Nel frattemp kien hemm ovvjament varji inkontri max-*shareholders* biex nesploraw forsi kienx hemm alternattivi ta' nies jinvestu jew jixtru. Kien hemm xi tentativi hemmhekk imma l-ebda minnhom ma immaterjalizza ruħu u ovvjament meta ma sar xejn hemmhekk għax bilfors il-kumpanija [*sc.* biex] ikollha ċans anke remota ovvjament kellu jkun hemm investiment sostanzjali ta' kapital ġdid għax il-kumpanija kienet *deficient* u kienet taħt it-*thresholds* kollha biex topera normalment jiġifieri meta tajna ftit ċans biex forsi jimmaterjalizza xi ħaġa meta ma mmaterjalizza xejn minn dawn ovvjament ma kienx hemm alternattiva li tmur *into liquidation*.«

23. Ma jistax ikun serjament kontestat li l-awtorità tat lis-soċjetà nfisha kull opportunità li tagħti l-fehma tagħha. Imbagħad, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, "l-aspettattivi tal-azzjonisti ma jaqgħux fil-kompetenza tar-regolatur". Kien kompitu *se mai* tad-diretturi u tal-instituri tas-soċjetà li jagħtu lill-azzjonisti t-tagħrif kollu dwar dak li kienet għaddejja minnu s-soċjetà. Għal darba oħra l-appellanti jixlu lill-awtorità b'nuqqas li hu tas-soċjetà stess.

24. Fid-dawl tan kollu, din il-qorti ma għandha l-ebda dubju li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-awtorità fid-29 ta' Settembru 2011 kienet mhux biss waħda ġusta, valida, imsejsa fuq konsiderazzjonijiet relevanti u għaldaqstant ittieħdet skond il-liġi, iżda kienet ukoll waħda neċessarja minħabba ċ-ċirkostanzi li kienet tinsab fihom atriċi *EIG* qabel ma nħatar stralċjarju.

Kien biss hekk illi setgħu jitħarsu l-interessi tal-*policyholders* u tal-kredituri tal-kumpannija.

25. Ngħaddu issa għall-ewwel aggravju li ġie mfisser hekk:

> »L-Ewwel Aggravju – Drittijiet fondamentali tar-rikorrenti (smigħ xieraq)
>
> »Mill-assjem tal-provi miġjuba matul il-proċeduri in prim istanza, il-Prim Awla waslet għall-konklużjoni illi d-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponenti appellanti kien ġie sodisfatt u dan *in vista* ta' "laqgħat, skambju ta' korrispondenza, skambji ta' rapport u għotii ta' żmien biex *EIG* tressaq il-fehmiet u l-argumenti tagħha. Kien hemm firxa ta' żmien li matulu l-*MFSA* tat ukoll struzzjonijiet kif *EIG* setgħet tirregola rħha aħjar u biex jitwettqu dawk l-istruzzjonijiet. Kif ukoll kien hemm l-opportunità, fost l-oħrajn, li jitressaq appell minn xi deċiżjonijiet meħudin" u għalhekk "meta l-*MFSA* ħarġet l-ordni ta' sospensjoni tal-awtorizzazzjoni biex *EIG* tibqa' teżerċita l-kummerċ tagħha u biex titqiegħed taħt proċess ta' xoljiment u stralċ bil-ħatra ta' stralċjarju, kienet qiegħda tagħmel dan fil-qafas ta' setgħat li l-liġi kienet tagħtiha espressament u b'ħarsien tal-prinċipju ta' ħaqq naturali fir-rigward tal-istess *EIG* u, safejn kien jirrigwarda s-setgħat tagħha, ma kisretx il-jeddijiet tal-atturi".
>
> »Mill-kunsiderazzjonijiet meħuda mill-qorti jidher illi l-Prim Awla naqset milli tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ deċiżjonijiet meħuda mill-*MFSA* u *cioè*:
>
> »1) l-ewwel deċiżjoni sabiex tissospendi l-liċenzja tas-soċjetà *EIG* u konsegwentement tappunta amministratur sabiex jiġġesstixxi n-negozju (liema deċiżjoni kienet appellata);
>
> »2) it-tieni deċiżjoni sabiex tistralċja is-soċjetà *EIG* bis-saħħa tal-liġi u dan jekk kienet tal-fehma illi l-istess soċjetà ma kinitx waħda viabbli.
>
> »Għalkemm t-tieni deċiżjoni u *cioè* jekk is-soċjetà għandhiex tiġi stralċjata jew le, tiddependi mill-għotja tal-ewwel deċiżjoni, ma jfissirx illi ċ-ċirkostanzi taħt liema jingħataw iż-żewġ deċiżjonijiet huma identiċi għal xulxin.
>
> »Dan ifisser illi kuntrarjament għal dak dedott mill-qorti in prim istanza il-fatt, *dato ma non concesso*, illi l-*MFSA* kellha t-tagħrif neċessarju u tat smigħ xieraq lill-esponenti sabiex waslet għal konklużjoni illi l-liċenzja kellha tiġi sospiża u jiġi maħtur amministratur (l-ewwel deċiżjoni), bl-ebda mod ma jfisser illi hija kienet eżentata milli tikkonsulta u tagħti widen lill-esponenti matul il-proċess ta' amministrazzjoni tas-soċjetà *EIG*, kif ukoll sabiex hija tieħu d-deċiżjoni finali (it-tieni deċiżjoni).
>
> »Wieħed ma għandux jinsa li bl-azzjoni odjerna kien qed jiġi attakkat it-tieni deċiżjoni u mhux l-ewwel waħda għaliex l-ewwel waħda tifforma l-mertu t'appell quddiem it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji u liema appell sallum għadu mhux deċiż.
>
> »L-esponenti jiġbdu l-attenzjoni ta' din il-qorti illi t-tieni deċiżjoni f'termini legali kienet kundanna ta' mewt, b'dana illi, mingħajr ma

kkonsultat mal-esponenti, l-*MFSA tramite* l-amministratur waslet għall-konklużjoni illi l-*EIG* kellha tiġi eliminata u magħha wkoll kwalunkwe interess u dritt vestit illi l-esponenti kellhom fl-istess soċjetà.

»L-*MFSA*, *tramite* l-amministratur li tista' tgħid illi huwa l-*lunga manus* tagħha, kellha oneru fuqha sabiex tagħti opportunità lill-azzjonisti u lid-diretturi sabiex isemmgħu leħinhom kemm matul il-ġestjoni kif ukoll qabel ma hija kellha tieħu d-deċiżjoni finali. Għalkemm, kif dikjarat mill-qorti, "l-aspettativi tal-azzjonisti ma jaqgħux fil-kompetenza tar-regolatur" ir-regolatur kellu oneru li jisma' u tal-anqas jikkunsidra dawk l-aspettativi mhux biss bħala prinċipju ta' dritt naturali iżda wkoll għaliex finalment is-soċjetà kienet propjretà tal-azzjonisti.

»Mill-provi jidher illi l-għan tar-regolatur kien li jeskludi kwalunkwe involviment da parti tal-azzjonisti u d-direttur u jillikwida kemm jista' jkun malajr lis-soċjetà *EIG*. Fuq dan il-punt l-esponenti jerġgħu jagħmlu referenza għax-xiehda ta' Dr Andrè Camilleri tas-6 ta' Novembru 2016, illi bla tlaqliq jiddikjara:

> »"Fuq dan il-kas tal-*EIG* partikolarment mill-memorja ma jidhirlix li tlabna li jibqa' jinvolvi lill-bella kumpannija. Aħna ridna li hu f'għajnejn ir-regolatur ikun l-*EIG* u kemm jista jkun malajr jagħlaq dak li għandha l-*EIG*."

»B'dikjarazzjoni daqshekk sfaċċata tar-rappreżentant tal-*MFSA*, il-qorti in prim istanza ma kellha qatt tasal għal konklużjoni illi l-esponent ingħataw smigħ xieraq.

»Jingħad wkoll illi f'dan l-istadju l-*MFSA* kellha biss kuntatt mal-amministratur appuntat minnha u dan kif dikjarat minn Dr Marisa Attard fix-xiehda tagħha tat-12 ta' Mejju 2016:

> »"skont il-liġi l-amministratur jieħu l-funzjoni tad-direttur tal-*legal and judicial representation* ... jiġifieri l-kuntatt li kellna mal-kumpannija kien tal-amministratur."

»Da parti tiegħu l-istess amministratur daħal fil-ġestjoni u ħejja r-rapporti tiegħu mingħajr anqas biss ikkonsulta mad-diriġenti u l-azzjonisti tas-soċjetà tant li, jekk kien hemm raġġ ta' dawl sabiex is-soċjetà tirrimedja kwalunkwe nuqqasijiet, dan spiċċa sfuma fix-xejn.

»Fost affarijiet oħra, l-amministratur spiċċa naqas milli jħallas l-entitajiet li kienu jfornu s-servizzi lis-soċjetà – bir-riżultat li dawk is-servizzi ġew preġudikati; ħabbar fuq il-gazzetti taljani li s-soċjetà kienet f'qagħda finanzjarja ħażina, b'dana illi wassal sabiex jidħol numru anomalu ta' *claims*; qajjem b'allegazzjoni ta' frodi ta' iktar minn miljun ta' euro kontra l-avukati mqabbda minnu stess fl-Italja; u waqqaf proċeduri ġudizzjarji li ttieħdu fil-konfront ta' terzi.

»Dan kollu sar mingħajr il-konsulta tal-partijiet interessati. L-amministratur *qua* eżekutant tal-ewwel deċiżjoni meħuda mill-*MFSA* kellu oneru li jikkonsulta u jisma' l-partijiet interessati u kwalunkwe nuqqas da parti tiegħu li jagħmel dan huwa nuqqas da parti tal-awtorità.

»Fl-*affidavit* tiegħu Paolo Viscione jispjega dwar l-*MFSA*:

> »"dawn tal-aħħar irrifjutaw kompletament li jkollhom kwalsiasi forma ta' komunikazzjoni u / jew kollaborazzjoni kemm ma' *Cogesfin* kif ukoll mal-*ex*-amminisatraturi tal-*EIG*.
>
> »"L-amministraturi tal-*MFSA* qatt ma tawna la rendikont u lanqas ebda tip ta' informazzjoni dwar ix-xogħol magħmul minnhom. L-

> ebda tip ta' informazzjoni ma ġiet qatt divulgata rigward il-proċedimenti fuq l-amministrazzjoni tal-*EIG* u l-ebda provvediment ma ttieħed sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet kemm tal-kreditur kif ukoll dawk tal-azzjonisti …
>
> »"Ma ġew l-ebda mod forniti la r-raġunijiet li jiġġustifikaw din id-deċiżjoni u lanqas ma ġiet ppublikata l-informazzjoni relattiva għall-kontabiltà jew għall-attivitajiet tal-amministratur."

»L-esponenti jerġgħu jagħmlu referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Għolja ta' Kerala fl-Indja fl-ismijiet *President, the Commonwealth Cooperative Society Ltd v. Joint Registrar (General) of Co-Operative Societies* ta' nhar id-9 ta' Jannar 1969 li kienet titratta ċirkostanzi simili għal dawk preżenti. Dik il-qorti f'dawk il-proċeduri ġudizzjarji kienet iddisponiet:

> »"The quesiton whether the society has committed the acts or is guilty of the omissions is a question of fact. An adjudication of the facts without notice and an opportunity of being heard, when the adjudication will have serious civil consequences to the society is against the principles of natural justice. And even if the statute does not expressly provide for notice, the justice of the common law will supply the omission and would require notice and an opportunity of being heard."

»Għalhekk jiġi sottomess illi fit-teħid ta' jekk is-soċjetà *EIG* kellhiex tiġi stralċjata jew le, l-*MFSA* kellha terġa' tagħti mill-ġdid smigħ xieraq lill-esponenti u ladarba dan ma sarx id-deċiżjoni għandha titħassar.«

26. Fl-istat diżastruż tan-negozju ta' *EIG* kif imfisser fir-rapport tal-amministratur u tal-awdituri, li juru ċar u bla ebda dubju li ma kien hemm ebda possibbilità realistika li *EIG* qatt tista' terġa' tqum fuq saqajha, u li kull jum li s-soċjetà tibqa' teżisti jfisser biss aktar spejjeż u djun, id-deċiżjoni tal-awtorità kienet mhux biss korretta u għaqlija iżda l-unika waħda fattibbli fiċ-ċirkostanzi. Dwar dan kollu l-atturi kienu mgħarrfa u ħadu wkoll sehem f'diskussjonijiet dwar x'passi rimedjali setgħu jittieħdu, kif imfisser mill-awditur fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Novembru 2016[2]. Dawn id-diskussjonijiet ma wasslu għal xejn iżda ma jistax jingħad illi l-atturi ma ngħatawx il-possibbilità li jgħidu tagħhom qabel ittieħdet id-deċiżjoni inevitabbli ta' stralċ. Id-distinzjoni li jfittxu li jagħmlu l-atturi fir-rikors tal-appell bejn is-

[2] Para. 22, *supra*

sospensjoni tal-liċenza u l-istralċ hija artifiċjali għax waħda hija l-konsegwenza inevitabbli tal-oħra.

27. Barra minn hekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi:

> »... … … l-obbligu tal-*MFSA* li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, inkluż għaldaqstant dak li tagħti smigħ kif imiss, irid jitqies fil-kuntest tar-relazzjoni li l-*MFSA* (bħala awtorità regolatorja) kellha mad-detentur tal-liċenzja, jiġifieri *EIG*. Mill-atti li għandha quddiemha, il-qorti m'għandha ebda dubju li dan sar u sar kif imiss, kemm f'termini ta' laqgħat, skambju ta' korrispondenza, skambji ta' rapporti u għoti ta' żmien biex *EIG* tressaq il-fehmiet u l-argumenti tagħha. Kien hemm firxa ta' żmien li matulu l-*MFSA* tat ukoll struzzjonijiet kif *EIG* setgħet tirregola ruħha aħjar u biex jitwettqu dawk l-istruzzjonijiet. Kif ukoll kien hemm l-opportunità, fost l-oħrajn, li jitressaq appell minn xi deċiżjonijiet meħudin.
>
> »Mill-provi ħareġ ukoll li t-tmexxija ta' *EIG* kienet f'idejn persuni li, fil-kapaċità tagħhom ta' mandatarji u fiduċjarji tal-kumpannija, kellhom jieħdu deċiżjonijiet għall-aħjar interessi tal-kumpannija. Min-naħa l-oħra, l-aspettattivi tal-azzjonisti ma jaqgħux fil-kompetenza tar-regolatur. Għaldaqstant, minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tasal għall-fehma li meta l-*MFSA* ħarġet l-ordni tas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni biex *EIG* tibqa' teżerċita l-kummerċ tagħha u biex tit-qiegħed taħt proċess ta' xoljiment u stralċ bil-ħatra ta' stralċjarju, kienet qiegħda tagħmel dan fil-qafas ta' setgħet li l-liġi kienet tagħtiha espressament u b'ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali fir-rigward tal-istess *EIG* u, safejn kien jirrigwarda s-setgħat tagħha, ma kisretx il-jeddijiet tal-atturi.«

28. Din hija espressjoni korretta tas-sitwazzjoni legali u fattwali.

29. Għalkemm, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, "l-aspettattivi tal-azzjonisti ma jaqgħux fil-kompetenza tar-regolatur", madankollu fiċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum l-atturi appellanti *qua* azzjonisti ta' *EIG* xorta waħda ngħataw l-opportunità sabiex isemmgħu leħinhom u sabiex jipproponu mezzi oħra ta' kif is-soċjetà setgħet tirpilja, tqum fuq saqajha u tkompli topera b'mod normali. Din l-opportunità l-atturi ma nqdewx biha u jridu issa jitfgħu l-ħtija fuq l-awtorità. Għal darb'oħra dan huwa sintomatiku tal-kwalità tar-raġunament li tikkaratterizza l-appell kollu.

30. Jirriżulta b'mod ċar illi fiż-żmien wara li nħatar amministratur provviżorju fis-6 ta' Awwissu 2010 sakemm ittieħdet id-deċiżjoni finali ta' stralċ taħt l-art. 28(1)(*f*) tal-Kap. 403 fid-29 ta' Settembru 2011 kien hemm diversi laqgħat bejn l-amministratur provviżorju u l-atturi bit-tama li tinstab soluzzjoni[3]. Għalkemm l-atturi kienu ħarġu bl-idea li s-soċjetà tinbiegħ jew li jinstab min kien lest li jinvesti ammont sostanzjali fiha, minn dan kollu ma seħħ xejn. Kull opportunità li ngħataw, l-atturi ma nqdewx biha u jridu issa jitfgħu l-ħtija fuq l-awtorità.

31. Jirriżulta għalhekk illi, kontra dak li jgħidu l-atturi, huma fil-fatt ingħataw l-opportunità li jsemmgħu leħenhom qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li *EIG* titqiegħed fi stralċ, u l-amministratur provviżorju wkoll tahom żmien sabiex forsi b'xi mod jimmaterjalizzaw ċirkostanzi ġodda li jagħtu tama li s-sitwazzjoni titjieb, iżda meta wara aktar minn sena ebda ċirkostanzi ġodda ma mmaterjalizzaw u s-sitwazzjoni flok għall-aħjar marret għall-agħar, ma kien hemm l-ebda triq oħra għal *EIG* għajr dik li jinbeda l-proċess tal-likwidazzjoni u tal-istralċ.

32. L-ewwel aggravju, li l-qorti tqisu x'aktarx fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

33. Ngħaddu issa għat-tieni (u l-aħħar) aggravju tal-atturi msejjes fuq alleg-azzjoni ta' ksur tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. L-aggravju ġie mfisser hekk:

---

3 Ara x-xhieda tal-amministratur provviżorju fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2015, *fol.* 1103.

»It-Tieni Aggravju – ksur tad-dritt tal-proprjetà

»Filwaqt li mid-dokumenti preparati mill-likwidatur (*accounts*), fi stadju ferm wara li kienet inbdiet il-kawża odjerna, jirriżulta li l-kumpanija *EIG* hija fi stat fallimentari, jirriżulta li dak l-istat fallimentari nħoloq bl-aġir tal-awtorità intimata u l-persuni minnha maħtura.

»F'dan ir-rigward jiġi rilevat li fost affarijiet oħra:

»(a) qabel ma ġie appuntat amministrattur l-awtorità kienet waqqfet li jsiru l-ħlasijiet dovuti lil terzi inkluż l-awtorità tat-taxxa: dan ħoloq sitwazzjoni ta' spejjeż żejda fil-forma ta' multi u mgħaxijiet inutli;

»(b) wara li ġie appuntat amministratur u bl-aħbar li ngħata l-Italja saret *run* kontra s-soċjetà assiguratriċi mill-assigurati (partikolarment fi Sqallija). L-amministratur ma kienx f'posizzjoni li jiddefendi s-soċjetà minn dawn il-*claims* potenzjalment frawdolenti għaliex (i) ma jidhirx li kellhu assistenza legali korretta fl-Italja; (ii) ma kienx qed jitkellem mal-*management* tas-soċjetà; (iii) kien waqqaf diversi *service providers* u (iv) għal xi raġuni tqies li ma kellhux rappresentanza legali tas-soċjetà;

»(ċ) il-ħatra ta' amministrattur u likwidatur, u l-konsulenti legali tagħhom żdied l-ispejjeż tas-soċjetà li f'dak il-mument ma kellhiex introjtu għaliex kienet imwaqfa milli topera;

»(d) in-nuqqas ta' pagamenti tas-*service providers* (inkluż tal-*IT*) wassal biex l-amministrattur ma kellux aċċess għall-informazzjoni tal-kumpanija;

»(e) finalment jirriżulta li għal raġunijiet tiegħu, u mingħajr qatt ma ġew konsultati, il-likwidatur għażel li ma jkomplix b'mod attiv kemm il-proċeduri kontra l-awtoritajiet taljani għall-aġir tagħhom (u dan għandu jitqies fid-dawl li sussegwentement l-akkużi kriminali kienu twaqqgħu kompletament);

»(f) iktar minn hekk, jirriżulta li l-likwidatur għażel li jaċċetta pagament ridott mir-*reinsurance* li ovvjament ħalliet is-soċjetà skoperta finanzjarjament.

»Xejn minn dan ta' hawn ma kien inevitabbli iżda kienu biss ir-riżultat tal-għażliet (ħżiena) tal-awtorità u n-nies minnha maħtura. Il-frott ta' dawn l-għażliet huwa soffert mir-rikorrenti li raw l-investiment sostanzjali tagħhom (fil-mument li ngħata l-ordni ta' stralċ il-kumpanija kien għad għandha assi li jeċċedu l-ammont ta' 16-il miljun euro) jifsuma fix-xejn.«

34. Fir-rikors tal-appell tagħhom l-atturi appellanti żiedu jgħidu wkoll illi:

»... l-awtorità kellha kunflitt t'interess fid-deċiżjoni tagħha għaliex effettivament xekklet ir-rikorrenti milli jopponi għad-diversi deċiżjonijiet skorretti li kienu qegħdin jittieħdu fil-konfront tal-kumpanija *EIG*. F'dan ir-rigward ma jistax ma jiġix sottolinjat in-nuqqas t'attività tal-likwidatur fil-proċeduri li l-*EIG* kienet bdiet l-Italja sabiex topponi għall-allegazzjoni li kienet qed topera l-Italja illegalment (u *cioè* mingħajr l-awtorizazzjoni appożita) u liema allegazzjoni kienet ir-raġuni tal-azzjoni tal-*MFSA*.«

35. Dak kollu li jingħad fil-paragrafi (a) sa (f) ta' dan l-aggravju kien konsegwenza tas-sitwazzjoni li kienet fiha *EIG* qabel ma ttieħdu miżuri mill-awtorità. Kif jidher mix-xhieda tad-direttur tal-*Insurance and Pensions Supervision Unit*[4], ġà qabel l-intervent tal-awtorità kien hemm irregolaritajiet gravi fit-tmexxija tas-soċjetà. Kontra dak li jgħidu l-atturi illi dawn il-konsegwenzi ma kinux "inevitabbli" u "kienu biss ir-riżultat tal-għażliet (ħżiena) tal-awtorità u n-nies minnha maħtura", kienu konsegwenzi tal-għażliet ħżiena fit-tmexxija tas-soċjetà qabel dawn l-għażliet ħżiena ħolqu l-ħtieġa tal-intervent tas-soċjetà. Ma jistgħux għalhekk l-atturi jinqdew b'irregolaritajiet tas-soċjetà stess bħala argument favurihom.

36. Dan l-aggravju wkoll huwa fieragħ u huwa miċħud.

37. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata.

38. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata. Dawk tal-appell iħallsuhom l-atturi, u, billi hija tal-fehma illi l-appell huwa wieħed fieragħ, il-qorti wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tordna lill-atturi appellanti jħallsu lir-reġistratur spejjeż addizzjonali ta' elf ewro (€1,000).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

4 Para. 16